# Il-Ħelsien Vera Lin-Nisa



# Il-Ħelsien Vera Lin-Nisa

*Emanċipazzjoni vera bis-saħħa tat-tagħlim dejjiemi tal-Iżlam*

**ĦAŻRAT MIRŻA MASROOR AĦMAD**[ABA]
Il-Mexxej tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana
Il-Ħames Suċċessur tal-Messija Mwiegħed[as]

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# TRUE FREEDOM FOR WOMEN

In Maltese Language

© Islam International Publications Ltd.

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2021)

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** +356 79 655 255 **Tel**: +356 21 655 255
**Email: amjmalta@gmail.com**

**www.ahmadiyya.mt**

ISBN: 978-99957-59-33-9

**Il-Qoxra:** Shutova Elena | Shutterstock

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# INTRODUZZJONI

Il-Qdusija Tiegħu, Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V[aba], huwa l-Mexxej Suprem tal-Komunità Dinjija Ahmadiyya Musulmana. Huwa l-Ħames suċċessur tal-Messija Mwiegħed u l-Maħdi, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as].

Wara li ġie elett għal ħajtu kollha fil-pożizzjoni ta' Kalif tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana fit-22 t'April 2003, huwa jservi bħala l-kap dinji spiritwali u amministrattiv ta' organizzazzjoni internazzjonali reliġjuża li tħaddan fiha għexieren ta' miljuni ta' membri mxerrda 212-il pajjiż.

**"Il-ħelsien vera lin-nisa – emanċipazzjoni vera bis-saħħa tat-tagħlim dejjiemi tal-Iżlam"** huwa l-indirizz tal-Qdusija Tiegħu Ħażrat Mirża Masroor Aħmad[aba].

Fl-indirizz tiegħu fis-sessjoni għan-nisa fil-Jalsa Salana (il-konvenzjoni annwali) UK 2021, Ħażrat Amirul Momineen, Kalifatul-Masiħ V[aba], spjega kif l-Iżlam ta l-ħelsien vera lin-nisa. Aħna nemmnu li l-punti msemmija f'dan l-indirizz jipprovdu emanċipazzjoni u ħelsien vera lin-nisa.

Aħna sodisfatti li qegħdin nippreżentaw hawnhekk il-verżjoni bil-Malti ta' din it-taħdita li tħeġġeġ il-fidi, li, *Insha-Allah*, isservi bħala punt ta' referenza għaż-żmien li ġej.

**IMAM LAIQ AHMED ATIF**
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta*

بسم الله الرحمن الرحيم

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

# IL-ĦELSIEN VERA LIN-NISA

Wara li qal it-talb ta' *tashahud*, *ta'awuz* u Surah al-Fatihah, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul-Masiħ V, jalla Alla jsaħħaħlu jdejh, qal:

Illum il-ġurnata, f'isem l-imħuħ miftuħa għall-ideat u l-libertà tal-espressjoni u l-azzjoni, daħlet ideoloġija li hi inqas imdawla u aktar suxxettibbli li twassal għad-dlamijiet. Hija kunċett li mhuwiex ġenwin u huwa superfiċjali, li l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tiegħu lanqas biss ma ġew ikkunsidrati.

Hemm aktar ħsara għal xi elementi ta' dawn l-hekk imsejħa libertà u tidwil milli hemm benefiċċji. Lanqas biss qed jiġi kkunsidrat li f'isem it-tidwil u l-libertà tal-ħsieb u l-espressjoni, qegħdin nikkompromettu l-futur tal-ġenerazzjoni li jmiss u qed inwasslu lilna nfusna lejn ħondoq tad-dlam u qegħdin ukoll inressqu l-ġenerazzjoni li jmiss tagħna lejh.

Din l-hekk imsejħa libertà qed tiġi mkażbra u qed tixxerred b'mod inġust fuq il-midja soċjali sa tali punt li l-ħila biex naħsbu dwar il-qerda li qed iġġib qed tisfuma fix-xejn.

Madanakollu, jekk inħarsu minn perspettiva materjalista, jekk in-nies tad-dinja – anki b'intenzjonijiet tajbin, għalkemm rari jkun hemm intenzjonijiet tajbin – jixtiequ li jeliminaw għalkollox ċerti għemejjel ħżiena jew jixtiequ li jsalvaw ruħhom minnhom, insibu li jibdew iwettqu affarijiet oħra ħżiena.

Ir-raġuni hija li l-għajn spiritwali tagħhom tagħma. U llum il-ġurnata, il-materjaliżmu u t-tbegħid mir-reliġjon qed iġiegħlu lin-nies tant jiddisprezzaw ir-reliġjon li ħadd ma jrid jara l-affarijiet mill-punto di vista reliġjuż. U kontra l-Iżlam, hemm kundanna enormi. L-Iżlam huwa suġġett għall-kritika u t-tagħlim tiegħu huwa meqjus bħala qadim u antikwat, li ma għandux post fid-dinja progressiva tal-lum. Dak li jingħad fuq l-Iżlam.

Mentri l-fatt hu li hija r-reliġjon tal-Iżlam li tippreżenta t-tagħlim li jindirizza d-drittijiet ta' kulħadd. Tindirizza l-libertà tal-ħsieb u l-espressjoni u ssemmi l-limitazzjonijiet u r-regolamenti għal kulħadd. Biex jinżamm bilanċ, hija tipprovdi wkoll id-direzzjonijiet.

Fl-indirizz finali tal-Jalsa (il-konvenzjoni annwali) 2019, jiena semmejt id-drittijiet ta' diversi gruppi ta' nies fl-Iżlam. U waqt li bdejt insemmihom, spjegajt kif l-Iżlam jagħti dawn id-drittijiet.

*Insha-Allah*, (jekk Alla jrid) f'xi ħin fil-ġejjieni, inkun nista' nippreżenta eżempji oħra wkoll. Madanakollu, f'dan l-istadju, nixtieq nitkellem dwar ir-rispett lejn in-nisa.

Ħafna drabi, l-Iżlam huwa mmaqdar għaliex ma joffrix libertà lin-nisa. Madanakollu, dan jixhed in-nuqqas ta' għarfien dwar it-tagħlim Iżlamiku, jew tkun kritika bla bażi ta' xejn.

# L-IŻLAM JAGĦTI DRITTIJIET LIN-NISA?

Il-prinċipju bażiku tat-tagħlim sabiħ tal-Iżlam huwa li wieħed m'għandux joqgħod jiġġieled għad-drittijiet tiegħu; pjuttost, fis-soċjetà, jekk irridu noħolqu ambjent ta' paċi u trankwillità, mela rridu niffokaw ukoll biex nissodisfaw il-bżonnijiet ta' ħaddieħor u nagħtu kas li nħarsu d-drittijiet li huma mogħtija lil kull wieħed u waħda minna. Hekk biss jista' jiġi stabbilit spirtu ta' paċi u armonija ġenwin, li jħares id-drittijiet ta' kull grupp ta' nies, filwaqt li jindirizza wkoll ir-responsabbiltajiet tagħhom.

In-nisa ma ġewx mitluba biss biex jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom; anzi, intalbu biex jifhmu l-qagħda tagħhom u ngħatatilhom gwida ta' kif jipproteġu lilhom infushom mill-ħażen.

Dawn huma tagħlimiet komprensivi li, fil-verità, jiggarantixxu t-twaqqif tal-libertà tal-espressjoni u l-azzjoni u d-drittijiet ta' kull taqsima tas-soċjetà. B'hekk, m'hemm l-ebda tagħlim reliġjuż li jista' jikkompeti ma' dawn it-tagħlimiet, jew kwalunkwe tagħlim jew liġijiet fid-dinja li jistgħu jisfidawhom u jeħduha kontrihom.

Kif diġà semmejt, f'dan l-istadju, se nitkellem dwar dan is-suġġett b'rispett lejn in-nisa, li se jispjega l-pożizzjoni tan-nisa fl-Iżlam u d-drittijiet tagħhom.

Alla Gglorifikat, f'ħafna istanzi, ħareġ bi kmandamenti li jirrigwardaw in-nisa. L-implimentazzjoni prattika tagħhom hija evidenti fil-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu – kif il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] stabbilixxa r-rispett lejn in-nisa. Imbagħad, f'din l-epoka, rajna kif il-Messija Mwiegħed, il-paċi tkun fuqu, ġibdilna l-attenzjoni dwar l-għoti tar-rispett u l-istima lejn in-nisa.

Wara li wieħed jieħu inkonsiderazzjoni dak li ġie mfisser fil-Koran Imqaddes dwar id-drittijiet assoċjati man-nisa, kif l-eżempju u l-gwida tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] fissruhom, u kif spjegahom il-Messija Mwiegħed[as] (il-Fundatur tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat)

u fid-dawl tad-diskorsi tiegħu, kif il-Kalifi (is-suċċessuri tal-Messija Mwiegħed[as]) ddeskrivewhom, anki wara li semgħu dak li għandhom xi jgħidu l-avversarji tal-Iżlam, m'hemm l-ebda raġuni għal kull mara Aħmadija biex temmen li, *na'użu billaħ* [allaħares], l-Iżlam ma qiesx id-drittijiet tan-nisa.

Ħażrat Musleh-e-Maud, jalla Alla jkun sodisfatt bih, [it-Tieni Kalif tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat] f'kumment dwar *Surah al-Kausar* [Kapitlu 108 tal-Koran Imqaddes], semma d-drittijiet mogħtija lin-nisa mill-Iżlam. Fid-dawl tal-Koran Imqaddes, hu għamilha ċara ħafna li d-drittijiet mogħtija lin-nisa mill-Iżlam ma kinux provduti minn xi liġi oħra reliġjuża qablu; anzi, irid jingħad li dawn ma kinux jeżistu fl-ebda liġi fid-dinja. U l-Koran Imqaddes mhux biss jirrikonoxxi l-jeddijiet tan-nisa, iżda tant hemm enfasi kbira fuqhom li b'riżultat ta' hekk infetħet triq sħiħa ta' għarfien – osservazzjonijiet ġodda saru minħabba dan kollu.

Il-Qaddis Profeta[sa] għażel tali versi biex jingħadu tul in-*nikah* [il-kuntratt taż-żwieġ Iżlamiku] bejn raġel u mara, li jiġġustifikaw l-importanza tad-drittijiet tan-nisa.

Alla l-Omnipotenti jgħid:

> **"Intom in-nies! Ibżgħu mill-Mulej tagħkom, Li ħalaqkom minn esseri wieħed u minnu nissel is-sieħba, u mit-tnejn tnisslu ħafna rġiel u nisa; u ibżgħu minn Alla, li f'Ismu tinġibdu lejn xulxin, u [ibżgħu Minnu speċjalment fejn jidħlu] ir-relazzjonijiet. Tassew, Alla jħares fuqkom."**
> (Il-Koran Imqaddes, 4:2)

B'hekk, huwa ċar li l-irġiel u n-nisa nħolqu minn esseri wieħed; jiġifieri, intgħamlu minn entità waħda. Għalkemm hemm ġeneri differenti – raġel u mara – huma tal-istess tip. It-tnejn għandhom l-istess emozzjonijiet – jekk ir-raġel għandu abbiltà mentali, jew xi ħila partikolari, mela l-mara jista' jkollha wkoll dawn il-fakultajiet. Jekk ir-raġel għandu s-sentimenti, mela n-nisa għandhom ukoll.

It-tnejn għandhom l-istess sentimenti – jekk ir-raġel għandu s-sentimenti, mela n-nisa wkoll għandhom is-sentimenti.

Fil-bidu tan-*nikah*, tiġi mfissra l-importanza tad-drittijiet tan-nisa. L-irġiel jgħidulhom biex ma jaħsbux li n-nisa mhumiex intelliġenti jew li jistgħu jikkmandawhom kif iridu. In-nisa għandhom l-emozzjonijiet u s-sentimenti u jistgħu jaħsbu għal rashom. Għaldaqstant, in-nisa għandhom jitqiesu daqs l-irġiel u mhux inqas inferjuri minnhom.

Imbagħad, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal ukoll li, f'xi ħwejjeġ importanti, in-nisa għandhom jiġu kkonsultati. Huwa wkoll ġieli talab xi parir min-nisa.

Darba, meta l-mara ta' Ħażrat Umar[ra] (it-Tieni Kalif wara l-Qaddis Profeta Muħammad[sa]) tatu xi pariri dwar suġġett partikolari, Ħażrat Umar[ra] stqarr, "Min int biex tindaħal?" Hija kienet hemm, tisma' l-konversazzjoni u tat l-opinjoni tagħha. Il-mara tiegħu wieġbet, "X'inhu! Spiċċa ż-żmien meta aħna ma kellna l-ebda dritt. Tippruvax tintimidani! Dak iż-żmien spiċċa. Illum, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] wkoll ifittex il-pariri tan-nisa tiegħu. Min inti biex twaqqafni?"

B'hekk, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] tant ta importanza lid-drittijiet tan-nisa li anki huma ntebħu li mhumiex inferjuri għall-irġiel.

Permezz ta' xi inċidenti fil-ħajja ta' Ħażrat Umar[ra], huwa evidenti li meta kien jagħti xi struzzjonijiet, xi kultant, in-nisa kienu jgħidulu direttament, "Kif tista' tgħidilna dan? Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ma qalx hekk." Jiġifieri, dak li kien jgħid kien pjuttost differenti minn dak li jkun qal il-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

Madanakollu, minkejja l-fatt jekk kienx xieraq jew le li n-nisa jirrispondu b'dan il-mod, jekk in-nisa kellhomx raġun jew Ħażrat Umar[ra] kienx qed jinterpreta l-affarijiet sewwa, joħroġ ċar li n-nisa ngħataw id-dritt li jesprimu l-opinjonijiet tagħhom fuq ħafna

affarijiet komuni. U tant hemm enfasi fuq dan li ma nsibu l-ebda paragun ieħor f'ebda reliġjon oħra.

Għandna nagħmluha ċara hawnhekk li n-nisa f'dak iż-żmien kienu jaspiraw li jfittxu l-għarfien reliġjuż u li tassew kienu jiksbu dak l-għarfien. Huwa biss minħabba f'hekk li setgħu jgħidu, b'referenza għall-Qaddis Profeta Muħammad[sa], li kien jgħid xi ħaġa bit-tali u t-tali manjiera.

Għalhekk, in-nisa Aħmadin għandhom jagħtu kas ta' dan ukoll – minflok jitkellmu dwar xi drittijiet għandhom jingħataw, għandhom iħabirku biex iżidu l-għarfien reliġjuż tagħhom u jeċċellaw fih. Għandhom ukoll iħarrġu lil uliedhom bl-istess mod. M'għandhomx iħeġġu lil uliedhom biex jiksbu għarfien sekulari biss.

Huwa biss il-Koran Imqaddes u l-għarfien reliġjuż li jistgħu jgħinukom biex twieġbu lil dawk li, illum il-ġurnata, iqajmu l-allegazzjonijiet kontra jew iżebilħu lir-reliġjon. Ftakru li f'isem il-libertà u f'isem id-drittijiet tan-nisa, huwa l-pjan tad-*Dajjal* [l-Antikrist] li jbiegħed il-ġenerazzjoni żagħżugħa mir-reliġjon, li joħloq animożità fil-ġenerazzjonijiet futuri lejn it-tagħlim Iżlamiku, jew li jissuġġerixxi li t-tagħlim tal-Iżlam għandu jirriforma ruħu skont iż-żminijiet tal-lum u li kulħadd għandu jżomm id-drittijiet tiegħu f'moħħu. Dawk li jbiegħdu lin-nies mir-reliġjon jippruvaw jagħmlu dan billi juru s-simpatija – dan imisskom tiftakruh dejjem. Għalhekk, irridu noqogħdu attenti.

Biex nipproteġu lilna nfusna mill-attakki tax-Xitan; anzi, biex nirribattu l-allegazzjonijiet tagħhom, intom tridu tħejju ruħkom aktar milli tiġu influwenzati. Għidu lil dawn in-nies, **"Għalfejn topponu daqshekk l-Iżlam? Ir-rispett u l-protezzjoni provduti lin-nisa mill-Iżlam ma jinstabu fl-ebda reliġjon, u lanqas fl-ebda liġi fid-dinja. Dak li intom taħsbu li hija libertà hija dik li teqred il-qdusija u l-modestja tan-nisa."**

Saħansitra qalb in-nies komuni, xi wħud kitbu li dawk l-irġiel li jqajmu għagħa dwar l-emanċipazzjoni tan-nisa jixtiequ biss li

jissodisfaw l-interessi tagħhom u x-xewqat indiċenti tagħhom – huma m'għandhom l-ebda simpatija lejn in-nisa. Ħafna kittieba fil-gazzetti stqarrew dan; fil-fatt, wieħed minnhom kiteb dan b'mod miftuħ ħafna. Dan huwa biss għall-benefiċċju tagħhom u mhux għall-benefiċċju tan-nisa. Dawn l-irġiel ma jitħaddtux neċessarjament favur in-nisa; pjuttost, jitkellmu biss biex jiggwadanjaw huma stess. Dan iħeġġiġna biex inkunu aktar attenti u viġilanti.

## ID-DRITTIJIET TAN-NISA

In-nisa Aħmadin huma fortunati li aċċettaw l-Imam tal-epoka [il-Messija Mwiegħed[as]], li tefa' d-dawl fuq it-tagħlim sabiħ tal-Iżlam li jitħaddet fuq kollox.

Dwar id-drittijiet tan-nisa, il-Messija Mwiegħed[as] [il-Fundatur tal-Ahmadiyya Muslim Jamaat] jgħid:

"Il-mod kif l-Iżlam ipproteġa d-drittijiet tan-nisa, ċertament li ma jinstab fl-ebda reliġjon oħra. Fi ftit kliem, Alla qal:

> **'U huma (in-nisa) għandhom drittijiet simili għal dawk (tal-irġiel) fuqhom.'** [2:229]

Jiġifieri, bħalma n-nisa għandhom il-jeddijiet dovuti għall-irġiel, hekk l-irġiel għandhom il-jeddijiet dovuti għan-nisa. Nisimgħu regolarment li xi wħud iqisu lil dawn it-tfajliet, li ma jafux jiddefendu lilhom infushom, xejn anqas minn par żarbun u jġegħluhom iwettqu atti umiljanti u jabbużawhom verbalment. Iħarsu lejhom b'disprezz u jużaw il-kmandament ta' *purdah* [velu] tant ħażin li kważi jidfnuhom ħajjin.

L-irġiel għandhom jittrattaw in-nisa tagħhom b'tali mod li jkunu qishom żewġt iħbieb tal-qalb. L-ewwel xhud tal-morali għoljin u tar-relazzjoni m'Alla Omnipotenti ta' persuna huma dawn l-istess nisa. Jekk ir-relazzjoni tagħhom ma tkunx sinċiera magħhom, mela kif jistgħu jkunu qrib ta' Alla Omnipotenti?

Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu, stqarr:

> **'L-aqwa fostkom huwa dak li huwa l-aqwa [fi mġibtu] lejn familtu.'"**(1)

Il-Messija Mwiegħed[as] iddikjara ċar u tond li fejn jidħlu d-drittijiet, kemm [l-irġiel u n-nisa] huma l-istess. Kemm hi kbira din id-dikjarazzjoni, li għall-ġid tan-nisa, jekk l-irġiel ma jkollhomx relazzjoni tajba man-nisa, mela żgur mhux possibbli li jkollhom relazzjoni tajba m'Alla. Ir-raġel huwa kostrett li biex jogħġob lil Alla Omnipotenti; huwa jrid iħares id-drittijiet tan-nisa.

## L-UGWALJANZA

Alla l-Omnipotenti jgħid dan ukoll fil-vers li ppreżentajt fil-bidu nett, li n-nisa u l-irġiel – f'termini ta' intellett, sentimenti, emozzjonijiet u drittijiet – huma ugwali. U dan il-vers jingħad fil-bidu tal-prietka tan-*nikah* [żwieġ]. Meta jaqra dan, il-ħsieb tar-raġel jiġi wkoll ikkoreġut, li "jekk inti tħossok superjuri [fuq in-nisa], mela inti għandek ixxejjen dan il-ħsieb". U n-nisa ġew imwennsa li "l-ħarsien tad-drittijiet tagħkom ġie dikjarat minn Alla Omnipotenti". Jekk xi ħadd ma jħarisx id-drittijiet tagħhom b'dan il-mod, mela jkollu jċedi għall-ħafna ta' Alla, li kull *mo'min* [fidil] għandu dejjem jibża' minnha. Hija ħaġa għalkollox differenti għal xi ħadd li huwa dgħajjef jew mhux *mo'min*, iżda jekk wieħed huwa *mo'min* ġenwin, għandu għalfejn jibża' tassew.

## IŻ-ŻWIEĠ FL-IŻLAM

Ir-relazzjoni ma' ħabib tal-qalb hija relazzjoni sinifikanti ħafna. Il-Messija Mwiegħed[as] stqarr li relazzjoni bħal din għandha titnissel [fiż-żwieġ].

F'din is-soċjetà liberali, jingħad li n-nies l-ewwel jiżviluppaw ħbiberija u ftehim, imbagħad isaħħu r-relazzjoni. Fil-bidu taż-żwieġ, raġel u mara jifformaw ħbiberija u jgħidu, "Aħna ħbieb sew."

Eventwalment, madanakollu, jekk dik il-ħbiberija tintemm, din twassal għal separazzjoni.

**Huwa żbaljat meta nistqarru li ż-żwiġijiet imsejsa fuq l-imħabba *(love marriages)* u żwieġ li jseħħ wara li jkun hemm konnessjoni ma' xi ħadd idumu aktar. L-istatistiċi tagħhom – il-fatti u l-figuri – juru xort'oħra, li ż-żwiġijiet magħmula wara qbil unanimu għandhom ħabta li jfallu aktar. Jekk wieħed huwa *mo'min* [fidil] ġenwin jew *mo'minah* [fidila] ġenwina, mela anki jekk ma jafux lil xulxin [qabel iż-żwieġ], għall-imħabba ta' Alla, it-tnejn jippruvaw ikollhom relazzjoni b'saħħitha li din imbagħad tkun tista' tattira s-sodisfazzjon ta' Alla.**

Minkejja dan, mhuwiex obbligatorju għal tfajla li taċċetta *rishta* [żwieġ propost] issuġġerit mill-ġenituri. **In-nisa għandhom id-dritt fl-Iżlam li mingħajr il-kunsens tagħhom, ħadd ma jista' jisfurzahom fi żwieġ.**

Jekk wieħed jikkonsidra ż-żmien qabel l-Iżlam, wieħed jirrealizza li kull meta l-ġenituri ddeċidew għal binthom li tiżżewweġ, l-affari kienet tintemm hemmhekk. Saħansitra llum il-ġurnata, f'dawk il-pajjiżi sottożviluppati u li qed jiżviluppaw, il-ġenituri jagħmlu ħafna pressjoni fuq it-tfajliet tagħhom biex jiżżewġu ċertu ġuvintur. Anki wara li jkunu emigraw f'pajjiżi żviluppati, xi ġenituri jibqgħu jsegwu dawn l-użanzi redikoli u jsostnu li huwa biss bil-kunsens tagħhom u fil-familja tagħhom li t-tfajla tista' tiżżewweġ, inkella jkollha ssofri minn moħqrija kbira.

**L-aħjar mod huwa li l-ġenituri jitolbu u mbagħad jesprimu x-xewqa tagħhom; madanakollu, ma jistgħux jisfurzaw lit-tifla tagħhom.**

Jekk xi ħadd jgħid li l-Musulmani għandhom din l-użanza, mela huwa t-tort ta' dawk li jimponu d-deċiżjoni tagħhom u mhux it-tort tat-tagħlim tal-Iżlam. **L-Iżlam sa wasal biex jiddikjara li jekk żwieġ iseħħ kontra r-rieda tat-tfajla, mela huwa invalidu u skorrett.**(2)

Dan huwa dritt importanti, li l-Koran Imqaddes u l-Iżlam ikkonċedew lin-nisa, xi ħaġa li qabel kienet inkonċepibbli.

## DRITTIJIET GARANTITI LILL-FAMILJA

Il-Messija Mwiegħed[as] qal li r-relazzjoni bejn raġel u mara hija tali li t-tnejn iridu jafdaw f'xulxin u, b'dan il-mod, il-mara tkun xhud ta' ħafna affarijiet li għandhom x'jaqsmu mar-raġel. B'hekk, il-mara tkun tista' tosserva l-kwalitajiet u d-difetti tar-raġel mill-qrib. Jekk raġel ma jwettaqx l-obbligi tiegħu u ma jħarisx id-drittijiet tal-mara tiegħu li ngħatawlha minn Alla Omnipotenti, dejjem skont it-tagħlim tal-Iżlam, mela xi darba, il-mara tiegħu tista' tieqaf quddiemu u tgħid lil dan ir-raġel imperfett – u tassew, tista' titkellem għax għandha d-dritt – "L-ewwel, irranġa d-difetti tiegħek, imbagħad għidli x'se nagħmel."

Ħafna drabi, it-tilwim fid-djar jinqala' għax l-irġiel ikunu jixtiequ jiddominaw fid-djar tagħhom bħal dittaturi krudili u jiksru d-drittijiet. Imbagħad, ikollhom jaffaċċjaw il-kritika tan-nisa tagħhom minħabba l-imġiba tagħhom. Għalhekk, biex jitħarsu d-drittijiet tal-mara u biex tinħoloq arja ta' trankwillità fid-dar u tinżamm, l-istruzzjoni tad-deheb tal-Qaddis Profeta[sa] hija, **"L-aqwa fostkom huwa dak li huwa l-aqwa [fi mġibtu] lejn familtu."** Kemm huma kbar id-drittijiet li ngħataw lin-nisa mill-Iżlam!

Aktar minn hekk, l-Iżlam ta wkoll id-dritt ta' dar separata lin-nisa. Uħud iqajmu xi oġġezzjonijiet għal dan. Fis-soċjetà tal-lum – ma tagħmilx differenza jekk humiex komunitajiet Asjatiċi, Pakistani jew Indjani – jinqala' t-tilwim minħabba l-fatt li t-tfajla toqgħod fl-istess dar mal-kunjati tagħha u jkun hemm għadd ta' argumenti trivjali bejniethom. Dan kollu jwassal għal nuqqas ta' ftehim bejn ir-raġel u l-mara, li jintemm fis-separazzjoni.

Il-mara għandha d-dritt li turi x-xewqa tagħha li tgħix separatament [minn mal-kunjati tagħha] iżda huwa biss f'ċirkostanzi diffiċli ħafna li l-irġiel jintalbu biex jissodisfaw din ix-xewqa. Tfajla m'għandhiex tkun kostretta li tgħix mal-kunjati tagħha. Jekk is-sitwazzjoni

finanzjarja tippermetti, mela r-raġel u l-mara għandhom ifittxu dar għal rashom. U jekk ma jkollhomx flus biżżejjed biex jitilqu, iridu jżommu f'moħħhom li meta jkunu aktar stabbli finanzjarjament, għandhom xorta jaħsbu għal rashom.

## ID-DRITT TAL-PROPRJETÀ

Il-mara ngħatat ukoll *haq mahr* [dota] bħala l-proprjetà u l-flus tagħha ħalli tkun tista' tamministraha kif tixtieq u tkun biss fil-kustodja tagħha – hija tingħata parti mill-proprjetà.

**Fl-hekk imsejħa dinja progressiva tal-lum, in-nisa jingħataw id-dritt tal-proprjetà u l-wirt; madanakollu, dan ingħata biss madwar 100-150 sena ilu, filwaqt li l-Iżlam ikkonċeda dan id-dritt 1,500 sena ilu.**

Qabel, kienet l-użanza li wara ż-żwieġ, il-proprjetà tal-mara ma tibqax tagħha. Jekk mara tkun kisbet xi proprjetà b'diversi mezzi qabel iż-żwieġ tagħha, imbagħad wara ż-żwieġ, dik il-proprjetà ma tibqax tagħha. Xi wħud kienu jiżżewġu n-nisa bil-proprjetà għal tal-apposta u mbagħad wara ż-żwieġ, jieħdu kontroll assolut ta' dik il-proprjetà; b'hekk dik issir il-proprjetà tar-raġel wara ż-żwieġ.

Madanakollu, saħansitra mill-bidu nett, l-Iżlam iddikjara li l-proprjetà tal-mara hija tagħha biss u tant taha libertà li l-Kumpanni[ra] (tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]) dak iż-żmien ħasbu li forsi lanqas kien permissibbli għall-irġiel li jonfqu jew jixtru xi ħaġa mill-ġid tan-nisa tagħhom, anki bil-kunsens tagħhom.

Anki jekk in-nisa tagħhom kienu joffrulhom il-flus, dawn ma kinux jaċċettawhom – tant kemm kienu attenti l-Kumpanni[ra] f'dan ir-rigward. Il-Kumpanni[ra] baqgħu b'din l-attitudni sakemm it-tagħlim tal-Iżlam afferma li huma setgħu jaċċettaw bil-qalb kull rigal offrut min-nisa tagħhom u setgħu anki jonfqu għalihom infushom – jekk mara toffri rigal, inti tista' taċċettah u m'hemmx għalfejn ikun hemm dik ir-riġidità kollha. (Il-Koran Imqaddes, 4:5)

# ID-DRITT TAL-EDUKAZZJONI

Imbagħad, l-Iżlam ippromwova l-edukazzjoni tal-bniet sa tali punt li ta struzzjoni li kull min ikollu żewġt ibniet u jagħtihom it-*tarbiyat* [taħriġ morali] tagħhom mela Alla Omnipotenti jaħfer id-dnubiet ta' dak li jkun.(3)

Darba, waħda mara fqira żaret lil Ħażrat Aisha[ra] [il-mara tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]] u talbitha xi ħaġa tal-ikel. Kellha żewġt ibniet magħha, li qagħdu fuq kull naħa tagħha. Apparti tamla, Ħażrat Aisha[ra] ma kellha xejn fid-dar. Madanakollu, xorta waħda tathielha. Il-mara daħħlet it-tamla f'ħalqha, qasmitha fi tnejn, u tathom lil-ibniet tagħha, filwaqt li hi baqgħet bil-ġuħ.(4)

Filwaqt li dan kollu juri s-sagrifiċċju ta' omm fil-konfront ta' wliedha, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal xi ħaġa sabiħa f'dan ir-rigward. Meta l-Qaddis Profeta[sa] ġie infurmat b'dan l-inċident, huwa stqarr,

**"Kull min ikollu żewġt ibniet u jieħu ħsieb it-*tarbiyat* [taħriġ morali] tagħhom b'mod xieraq u joffrilhom l-edukazzjoni, mela Alla joffrilhom post fil-Ġenna – Alla se jagħti post lil dik il-mara fil-Ġenna."**

Mhuwiex neċessarju għall-bniet li jfittxu l-edukazzjoni bl-intenzjoni li jkollhom ix-xogħol; madanakollu, l-edukazzjoni tal-mara hija integrali għat-*tarbiyat* u l-edukazzjoni tal-ġenerazzjoni li jmiss. Li takkwista l-ħiliet jew l-għarfien f'qasam partikolari u mbagħad tfittex xogħol u jkollok karriera f'dak il-qasam mhuwiex ħażin, imma għall-ġid tal-ġenerazzjoni futura, jekk mara tfittex l-edukazzjoni, mela l-Ġenna tkun id-destin tagħha.

F'diskors ieħor, jissemma li: **"Il-Ġenna tinsab taħt is-saqajn tal-ommijiet"** – jiġifieri, it-*tarbiyat* u l-edukazzjoni impekkabbli tat-tfal mhumiex biss mezz għall-akkwist tal-Ġenna għall-ommijiet, iżda jistgħu jkunu wkoll mezz għat-tfal biex jirbħu l-Ġenna. X'unur kbir u pożizzjoni għolja huma dawn li ngħataw lin-nisa u mhux 'l-irġiel! Fil-fatt, ir-rispett lejn in-nisa ġie enfasizzat ħafna aktar minn hekk.

B'hekk, mara devota u *mo'minah* [fidila] għandha l-potenzjal li takkwista pożizzjoni ħafna aktar għolja minn dik tar-raġel. Jekk in-nisa Musulmani jeċċellaw f'għemejjel tajba, ikunu edukati sew, ikunu mħarrġa moralment, jieħdu ħsieb it-*tarbiyat* ta' wliedhom skont it-tagħlim korrett tal-Iżlam, mela l-ġenerazzjoni li jmiss, li tkun magħmula kemm mis-subien kif ukoll mill-bniet, tkun dik fejn jikkompetu ma' xulxin fid-devozzjoni u t-*taqwa* [il-biża' vera ta' Alla].

## IT-TRATTAMENT ĠUST TAN-NISA

Taħt ċerti kundizzjonijiet – jew minħabba li t-temperamenti ma jkunux kompatibbli, jew minħabba raġunijiet oħra – l-Iżlam jagħti l-permess biex jintemm iż-żwieġ, u f'dan ir-rigward, kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa għandhom l-istess jeddijiet; ir-raġel għandu d-dritt għat-*talaq* [divorzju mill-irġiel] u l-mara għandha d-dritt għall-*khula* [divorzju min-nisa]. L-irġiel ġew imwiddba li meta jkunu se jeżerċitaw dan id-dritt, iridu jaraw li n-nisa ma jkunux trattati ħażin. Jekk ikunu trattati inġustament, dan ikun krudili ħafna, u Alla jikkastiga l-krudeltà. Rigward it-*talaq*, filwaqt li qed jindirizza lill-irġiel, Alla l-Omnipotenti jgħid:

> **"U jekk jiddeċiedu favur id-divorzju, mela tassew, Alla Jisma' Kollox, Jagħraf Kollox."** (2:228)

Il-Messija Mwiegħed[as] ukoll fisser dan b'tali mod li ma jiffavoriex lill-irġiel. Huwa stqarr:

"Jekk [l-irġiel] ikunu determinati fid-deċiżjoni tagħhom għat-*talaq* (divorzju), iridu jiftakru li Alla Jisma' Kollox u Jagħraf Kollox. Dan ifisser li dik il-mara li tkun ingħatat it-*talaq* b'mod inġust quddiem Alla u li titlob l-għajnuna għal dak l-għemil ħażin, mela Alla jisma' t-talba tagħha."(5)

Għaldaqstant, f'dan il-vers, l-irġiel ġew imwissija biex jagħtu kas il-fatt li t-*talaq* irid jitqies b'ħafna attenzjoni u responsabbiltà. In-nisa m'għandhomx jingħataw it-*talaq* għal raġunijiet trivjali. Jekk

Alla l-Omnipotenti jismagħkom [l-irġiel] u huwa konxju tal-qagħda tagħkom, Huwa wkoll jisma' lin-nisa u huwa konxju taċ-ċirkostanzi tagħhom. U jekk intom taħqru lin-nisa u tfittxu s-separazzjoni, mela mara tista' titlob lil Alla għal rispons għal din il-moħqrija. U Alla jagħti kas tat-talb ta' dawk li jiġu trattati inġustament. Dawk l-irġiel li jgħaġġlu biex jiksbu t-*talaq* ġew imwissija hawnhekk filwaqt li ġie stabbilit dritt tal-mara.

## IL-POLIGAMIJA

Aktar, allegazzjoni oħra li titqajjem kontra l-Iżlam hija li l-irġiel ingħataw il-permess li jiżżewġu erba' darbiet, li tmur kontra d-drittijiet tan-nisa.

Il-fatt hu li dan huwa aċċettat biss f'ċertu sitwazzjonijiet u mhuwiex kmandament. Biex wieħed jutilizza dan id-dritt, irid josserva għadd ta' kundizzjonijiet. F'din is-soċjetà progressiva, anki wara li raġel jiżżewweġ, jibqgħu għaddejjin ir-relazzjonijiet illeċiti, xi ħaġa li nistgħu nsegwuha kuljum fuq l-aħbarijiet. L-Iżlam jipprojbixxi bla ebda riżerva dan il-qżież u indiċenza. Ir-riżultat ta' din l-infedeltà jwassal biex meta l-mara ssir konxja tal-imġiba mhix xierqa ta' żewġha, is-sitwazzjoni teskala għas-separazzjoni, u dan kollu sar ħafna komuni f'din is-soċjetà.

Għaldaqstant, dawn in-nies ma għandhomx għalfejn jikkritikaw lill-Iżlam għax jippermetti lill-irġiel jiżżewġu erba' darbiet, kif jindika għemilhom stess. L-ewwel għandhom iħarsu lejhom infushom u t-tieni, kif diġà għedt, dan huwa permissibbli taħt ċertu ċiskostanzi. Jekk dawk il-kundizzjonijiet ma jinżammux, mela r-raġel ma jkollux il-permess li jiżżewweġ erba' nisa. U meta persuna tiżżewweġ aktar minn darba, mela l-ġustizzja [fit-trattament tan-nisa] tkun kunsidrata kruċjali.

Dwar l-obbligazzjonijiet tar-raġel li jiżżewweġ aktar minn darba u d-drittijiet ta' kull mara, il-Messija Mwiegħed[as] stqarr:

**“Dawn l-obbligazzjonijiet huma tali li jekk raġel jirnexxilu jifhimhom sewwa, minflok jiżżewweġ, jippreferi li jibqa’ ġuvni. Ikun biss dak ir-raġel li jgħix ħajtu fil-biża’ ta’ Alla li jkun jista’ jissodisfa l-jeddijiet dovuti lin-nisa tiegħu. Huwa elf darba aħjar li tgħix ħajja diffiċli u doloruża milli tgħix ħajja ta’ tgawdija bil-kastig ta’ Alla mdendel fuq rasek.”**(6)

Fi kliem ieħor, li wieħed ma jħarisx id-drittijiet tan-nisa wara ż-żwieġ huwa dnub tant gravi li kieku wieħed joqgħod jaħseb ftit dwaru, mela forsi raġel lanqas jasal li jiżżewweġ imqar darba u jippreferi li jibqa’ għażeb jekk huwa *mo’min* ta’ veru.

Il-Messija Mwiegħed[as] qal:

“Aktar minn żwieġ wieħed huwa kundizzjoni provduta mix-Xarija [it-tagħlim Iżlamiku] li sservi bħala rimedju.”

Jiġifieri, aktar minn żwieġ wieħed, jekk wieħed isegwi l-kundizzjonijiet, huwa permissibbli bħala soluzzjoni.

Imbagħad huwa jgħid:

“Is-sentimenti tal-ewwel mara jridu jitħarsu sa tali punt” – dan huwa dritt ieħor li ġie mħares – “li jekk ir-raġel iħoss il-bżonn li jerġa’ jiżżewweġ, iżda jintebaħ li bħala riżultat ta’ żwieġ ieħor, l-ewwel mara qed issofri u qed tbati emozzjonalment, mela jista’ jrażżan lilu nnifsu bis-sabar u dan m’għandux iwasslu biex jidneb, jew iġiegħlu jikser ordni tax-Xarija” (dawn huma kundizzjonijiet – li wieħed jipproteġi lilu nnifsu mid-dnub u li jżomm f’moħħu l-ħtieġa skont ix-Xarija) “mela f’ċirkostanzi bħal dawn, jekk jirnexxilu jissagrika l-bżonnijiet tiegħu għall-ġid tal-ewwel mara,” fi kliem ieħor, jekk jagħmel kompromess minħabba l-ewwel mara, “u jkun hieni b’mara waħda, mela m’hemm l-ebda dannu f’dan u jagħmel sew li ma jerġax jiżżewweġ.”(7)

F’dan ir-rigward, il-Messija Mwiegħed[as] jgħid li anki jekk ikun hemm raġuni valida, iżda mhijiex urġenti, mela għall-bżonn li tinżamm

l-ewwel mara kuntenta, huwa neċessarju għal raġel li jissagrifika l-pjaċir tiegħu u jibqa' sodisfatt bi żwieġ wieħed. "Huwa aħjar li ma jerġax jiżżewweġ."

## TRATTAW LIN-NISA BIL-ĠENTILEZZA

Il-Messija Mwiegħed[as] ikompli jgħid:

"Li tweġġa' s-sentimenti ta' xi ħadd huwa dnub. Ir-relazzjoni mal-ulied bniet hija delikata immens. Meta l-ġenituri jinfirdu minn mal-bniet tagħhom għax ikunu ntrabtu ma' ħaddieħor [minħabba ż-żwieġ], immaġinaw xi stennija jkollhom ġewwa qalbhom. Wieħed jista' jifhem biss dan permezz tal-vers li ġej:

**'Trattawhom b'ġentilezza.'"** [4:20]

B'hekk, hawnhekk, is-sentimenti u l-emozzjonijiet tan-nisa ġew imfissra sew u l-irġiel ġew imfakkra dwar id-drittijiet tan-nisa u sfaw imwiddba. Anzi, il-Messija Mwiegħed[as] ikompli jispjega:

"Huwa d-dritt ta' dawn in-nisa li qabel ma jiżżewġu, l-ewwel jagħmlu kundizzjoni li r-raġel tagħhom ma jiżżewwiġx mara oħra."[(8)]

Dan huwa wkoll dritt tal-mara, li qabel iż-żwieġ, tista' ġġiegħel lir-raġel futur tagħha jwegħedha li ma jiżżewwiġx mara oħra, taħt l-ebda ċirkostanza, u b'hekk, f'kull sitwazzjoni, huwa jkun marbut li ma jerġax jiżżewweġ. Sa dan il-punt jistgħu n-nisa jimpedixxu l-irġiel biex ma jerġgħux jiżżewġu.

## Il-KURA TAL-ĦTIĠIJIET TAN-NISA
## *Il-provvediment għall-ħtiġijiet tan-nisa*

B'hekk, hija r-responsabbiltà tal-irġiel li jipprovdu għall-ħtiġijiet tan-nisa u joffrulhom il-protezzjoni. L-irġiel huma l-protetturi tan-nisa tagħhom u b'dan il-mod, hija r-responsabbiltà tal-irġiel li jipprovdu għal kull aspett tal-familja tagħhom, li jieħdu fuq spallejhom il-

piż tal-ispejjeż tad-dar u jieħdu ħsieb il-bżonnijiet tal-mara u t-tfal tagħhom. Anki jekk il-mara taħdem, ir-raġel ma għandux jindaħal fi flusha, kif semmejt diġà, ħlief meta l-mara toffri l-flus minn jeddha. Raġel għandu jwettaq l-obbligi tiegħu huwa stess.

Fiżikament, ir-raġel għandu vantaġġ, xi ħaġa li kulħadd jista' jinnotaha malajr – kemm jekk qed nirreferu għas-saħħa fiżika jew għall-fibra emozzjonali – għalhekk, irid iżomm f'moħħu li ma jistax jabbuża mill-mara tiegħu la emozzjonalment u lanqas fiżikament. Jekk ir-raġel għandu vantaġġ fiżikament – u f'ċerti sitwazzjonijiet emozzjonalment – mela huwa d-dmir tiegħu li ma jġibx ruħu b'mod krudili man-nisa. Fid-dar, jekk jinqala' argument, għandu joqgħod ħafna attent li ma jlissen xejn offensiv u ma juża l-ebda forza fiżika, għax dan jista' jweġġa' lill-mara fiżikament jew emozzjonalment b'mod inġust.

Il-vantaġġ fiżiku mogħti lir-raġel u r-responsabbiltà li jwieġeb għall-bżonnijiet tal-mara tiegħu ma jistgħux jintużaw b'mod ħażin.

F'din is-silta u fil-vers li jirreferi għall-irġiel bħala "*qawwam*" [protetturi], ġew stabbiliti d-drittijiet tan-nisa. Minħabba l-vantaġġ li għandhom l-irġiel, huma ġew imwissija dwar ir-responsabbiltà tagħhom. Madanakollu, dan il-vantaġġ mhux dejjem ikun ta' vantaġġ f'kull sitwazzjoni; anzi, iservi ta' vantaġġ f'ċerti każijiet biss.

## IL-PREMJU SPIRITWALI GĦAN-NISA
### *In-nisa jistgħu jiksbu l-istess livell spiritwali bħall-irġiel?*

Darba, dixxiplu femminili tkellmet mal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] dwar l-obbligazzjonijiet varji li jwettqu l-irġiel. Wara li elenkat ħafna dettalji, hija qalet li l-irġiel jagħmlu Ġiħad ukoll, li huwa att kbir nobbli, u li n-nisa jinżammu milli jwettqu dawn l-atti għax ikollhom jibqgħu d-dar, iwettqu d-dmirijiet domestiċi tagħhom, irabbu t-tfal u jieħdu ħsieb id-dar. Imbagħad hija staqsiet jekk in-nisa jistgħux ikunu ugwali tal-irġiel fejn jidħol il-premju, wara

li jkunu wettqu r-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom. Minħabba ċertu dmirijiet, jekk in-nisa ma jitħallewx jagħmlu l-istess affarijiet bħall-irġiel, mela fir-realtà, in-nisa għandhom mill-anqas ikollhom pożizzjoni ugwali għall-irġiel. Hija staqsiet lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jekk jistgħux ikunu ugwali tal-irġiel.

Il-Qaddis Profeta[sa] faħħar kemm felaħ lil din il-mara u staqsa lill-Kumpanni[ra] jekk qatt semgħu lil xi ħadd jitkellem fuq kwistjoni dwar it-twemmin b'mod daqstant espressiv daqs dik il-mara. B'hekk, il-Qaddis Profeta[sa] ġibed l-attenzjoni tad-Dixxipli[ra] tiegħu għall-mod intelliġenti kif dik il-mara ppreżentat il-qagħda tagħha.

Il-Kumpanni[ra] wieġbu, "Qatt ma stennejna li mara jkollha dawn il-ħsibijiet profondi." Minħabba l-impatt ta' ideat antiki u mentalitajiet imgħoddija, huma qalu li qatt ma immaġinaw li mara setgħet titħaddet b'daqshekk elokwenza. B'hekk, billi indirizza l-Kumpanni[ra], il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] fissrilhom ukoll indirettament li minkejja li qabel kienu jikkunsidraw lin-nisa bħala inferjuri għalihom, in-nisa jistgħu jitkellmu b'mod intellettwali u b'għerf dwar kwistjonijiet ta' twemmin. B'hekk, il-Qaddis Profeta[sa] fehemhom li m'għandhomx jaħsbu li huma tajbin f'kollox il-għaliex in-nisa jistgħu jisbquhom fejn jidħol l-intellett u d-dehen.

Il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] qal lil din il-mara, li kienet ippreżentat il-każ tagħha b'ħafna dettalji, "Jekk mara twettaq id-dmirijiet kollha li inti semmejt bħala l-obbligazzjonijiet tan-nisa, u jekk hija tibqa' d-dar, u tieħu ħsieb id-dar u t-tfal u taħseb għal żewġha kemm meta jkun id-dar u meta ma jkunx, mela fejn jidħol il-premju divin, hija ugwali għall-irġiel – m'għandhiex titqies inferjuri fejn jidħol l-ippremjar." Mara tista' tikseb l-istess premju daqs raġel li jwettaq Ġiħad.

Il-mara bil-ferħ bdiet tlissen il-kliem "*La ilaha illallah*" [M'hemm ħadd li jistħoqqlu l-qima ħlief Alla] u "*Allahu Akbar*" [Alla huwa l-Aqwa], waqt li rritornat lejn id-dar.(9)

L-irġiel ingħataw vantaġġ minħabba ċertu responsabbiltajiet

mogħtija lilhom u mhux minħabba xi superjorità intellettwali u emozzjonali. U jekk l-irġiel ma jwettqux dawn ir-responsabbiltajiet, mela jkunu qed jidinbu.

Madanakollu, fl-Iżlam, ġew stabbiliti ħafna drittijiet tan-nisa, u l-premjijiet tagħhom huma eżatt bħal tal-irġiel, bil-kundizzjoni li huma wkoll iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom u jaġixxu skont it-tagħlim tal-Iżlam. Minħabba kumpless ta' inferjorità, tqisux it-tagħlim tal-Iżlam bħala raġuni għala għandkom tistħu, jew meta taqgħu fin-nasba tad-*Dajjal*, tqisuhiex bħala piż.

## IL-FILOSOFIJA TAL-VELU

Wieħed mill-kmandamenti tal-Iżlam huwa l-*purdah* [il-velu]. Xi ħadd kitibli xi ġranet ilu u qalli li f'dawn il-pajjiżi, l-irġiel ma joqogħdux jiċċassaw lejn in-nisa bħalma jagħmlu f'pajjiżi Asjatiċi. Għalhekk, staqsa l-għala f'dawn il-pajjiżi jsegwu l-użanza tal-*purdah* skont it-tagħlim tal-Iżlam.

L-ewwel ħaġa li rridu niftakru hija li l-ebda struzzjoni mingħand Alla l-Omnipotenti ma tista' tiġi dikjarata superfluwa jew ħtieġa ta' żmien partikolari billi ċċedi għal informazzjoni jew interpretazzjoni żbaljata. Tridu tiftakru wkoll li filwaqt li l-Iżlam ta ordni lin-nisa biex jipprattikaw il-*purdah* u jżommu ħarsithom 'l isfel, l-irġiel kienu l-ewwel li ngħataw din l-istruzzjoni. Kieku teżisti soċjetà Iżlamika ideali u l-irġiel iżommu ħarsithom 'l isfel, anki f'dawn iċ-ċirkostanzi, in-nisa xorta jintalbu biex iżommu ħarsithom 'l isfel u jipprattikaw il-*purdah*.

Il-Qaddis Profeta[sa], fil-każ ta' dawk l-irġiel li jkunu bilqiegħda fis-swieq, qalilhom biex iżommu ħarsithom 'l isfel.

Il-Messija Mwiegħed[as] ukoll qal:

"*Mo'min* m'għandux ikun impertinenti u jħalli għajnejh jiġru f'kull direzzjoni. Fil-fatt, wieħed għandu jsegwi dan it-tagħlim li ġej:

**‘Għandhom iražżnu għajnejhom’** (il-Koran Mqaddes, 24:31) u jbaxxu ħarsithom u joqogħdu ’l bogħod minn dawk il-fatturi li jistgħu jwassluhom biex iħarsu lejn dak li mhux permissibbli.”(10)

Għalhekk, mhuwiex argument validu meta tgħid li għax l-irġiel mhumiex qed iħarsu lejk, għandek tabbanduna l-użanza tal-*purdah* u tal-ilbies modest.

Il-Messija Mwiegħed[as] jgħid:

“Illum il-ġurnata, hemm ħafna kritika fuq il-velu. Madanakollu, in-nies ma jirrealizzawx li l-velu Iżlamiku mhuwiex ħabs.” Mhuwiex ħabs li għandhom jinżammu fih in-nisa. “Huwa biss barriera li timpedixxi t-taħlit frivolu bejn l-irġiel u n-nisa. Il-velu jsalvahom milli jaqgħu.”

Il-Messija Mwiegħed[as] ikompli jgħid:

“Huwa biex jirribatti dawn il-proprji effetti li l-Fundatur tal-Iżlam [il-Qaddis Profeta Muħammad[sa]] impedixxa individwu kompletament milli jersaq lejn dak kollu li jista’ jwasslu biex jaqa’.”

Proprju mill-bidu nett, l-attenzjoni ġiet enfasizzata ħalli wieħed ikun salvat minn konsegwenzi negattivi.

“Dwar din ir-relazzjoni, il-Qaddis Profeta[sa] stqarr li jekk ikun hemm raġel u mara *non-mahram* (persuni li ma jiġux minn xulxin) maqtugħin għalihom, it-tielet persuna tkun ix-Xitan.”

Huwa jkompli jgħid:

“Jekk tixtiequ tħarsu xi ħaġa milli tintuża ħażin, mela tridu tipproteġuha. Madanakollu, jekk wieħed ma jipproteġix dik il-ħaġa – u jqis li d-dinja hija innoċenti – mela żommu f’moħħkom li dik il-ħaġa żgur se tinqered.”(11)

**Dawk in-nies, li f’moħħhom jinbtu dawn it-tip ta’ mistoqsijiet,**

**iridu jiftakru li l-Iżlam jippromwovi miżuri ta' prekawzjoni biex jimpedixxi kull possibbiltà ta' żball jew dnub. Dawk li jsegwu dawn il-miżuri huma dawk li jħarsu l-kastità u l-pudur tagħhom.**

Kull struzzjoni fl-Iżlam hija bilanċjata, għalhekk riġidità żejda fejn tidħol il-*purdah* ġiet ribattuta mill-Messija Mwiegħed[as].

Il-Messija Mwiegħed[as] qal:

"Il-velu Iżlamiku assolutament ma jfissirx li n-nisa jkunu kkalzrati qishom qegħdin maqfula fil-ħabs. L-intenzjoni tal-Koran Imqaddes hija li n-nisa jgħattu lilhom infushom u jitrażżnu milli jħarsu lejn dawk l-irġiel li assolutament m'għandhom xejn x'jaqsmu magħhom. In-nisa mhumiex miżmuma li joħorġu minn djarhom biex jaqdu l-bżonnijiet tagħhom fis-soċjetà. Għandhom id-dritt li joqogħdu jduru, iżda jridu jikkontrollaw ħarsithom."[(12)]

Bl-istess mod, fuq l-istess suġġett, il-Messija Mwiegħed[as] isostni biex jitgħattew ix-xagħar tar-ras, il-ħaddejn u l-geddum. U hija struzzjoni tal-Koran Imqaddes biex titqiegħed għata fuq is-sider u li jitgħatta l-ġmiel. Dan għandu jiġi assigurat.[(13)]

Huwa jgħid:

**"L-Iżlam ma jagħmel l-ebda distinzjoni bejn l-irġiel u n-nisa fejn jidħlu għemejjel tajbin, u lanqas in-nisa ma ġew projbiti li jixbhu lill-irġiel fit-tjubija.** Fejn jistqarr l-Iżlam li n-nisa għandhom ikunu mxekkla bil-ktajjen? L-Iżlam jaqta' l-għeruq tal-ħajriet sesswali. Araw biss x'inhu jseħħ fl-Ewropa." L-hekk imsejħa pajjiżi żviluppati huma inklużi f'dan kollu. "Liema tagħlim wassal għal dan ir-riżultat? Dan minħabba l-ilbis tal-velu jew minħabba t-tneħħija tiegħu?"

Hawnhekk insibu ħafna eżempji, li nistgħu narawhom fil-gazzetti. Il-Messija Mwiegħed[as] qiegħed isaqsi, dan x'inhu? Dan huwa riżultat tal-*purdah*, jew riżultat tat-tneħħija tal-*purdah*?

**“L-Iżlam wasal biex jgħallem lid-dinja l-onestà.”**(14)

B’hekk, kollha għandna nadottaw it-*taqwa* (it-tjieba u l-ġustizzja) – kemm l-irġiel kif ukoll in-nisa – u nsegwu l-kmandamenti ta’ Alla.

Jalla Alla jħallina nterrqu dejjem fuq il-mogħdija tat-*taqwa*. Kull mara Aħmadija u kull tifla Aħmadija għandha tagħraf il-pożizzjoni tagħha, u waqt li jobdu l-ordnijiet ta’ Alla Gglorifikat u tal-Profeta Tiegħu Muħammad[sa], għandhom iħabirku biex isebbħu ħajjithom, minflok ma jsegwu bl-għama d-dinja materjali f’isem il-libertà u d-drittijiet.

Illum, hija r-responsabbiltà ta’ kull mara Aħmadija u ta’ kull tifla Aħmadija li jinformaw lid-dinja bil-qagħda, l-unur u d-dinjità tan-nisa. Għal dan, mingħajr ma jaqgħu fl-ebda kumpless ta’ inferjorità, kulħadd għandu jagħmel ħiltu kollha.

Jalla Alla Omnipotenti jgħin lil kulħadd biex iwettaq dan. [Amin]

## REFERENZI


1. *Malfuzat* [Urdu], Vol. 3, pp. 300-301; *Al Badr*, Vol. 2, no. 18, p. 137, 22 May 1903; *Al Hakam*, Vol. 7, no. 18, p. 12, 17 Mejju 1903
2. *Sahih al-Bukhari*, Kitab al-Nikah, Bab *La yankihu al-ab wa ghairuhu al-Bakr wa al-Thayb illa bi-radhaha*, Beirut Dar Ibn Kathir al-Yamamah [1974]) (*Sahih Muslim*, Kitab al-Nikah, Bab *Isti'dhan Al-Thayb fil-nikah bil-nutq wa al-Bakr bil-sakoot*, Beirut Dar Ihya al-Turath al-Arabiyy
3. *Sunan Ibn Majah*, Kitab al-Adab, Bab *Birr al-walid wa al-ihsan ila al-banati*, hadith no. 3670
4. *Jami' al-Tirmidhi*, Kitab al-birr wa al-silah an Rasulillah, Bab *ma ja'a fil-nafaqati alal-banaati wa al-akhawaat*, hadith no. 1915
5. *Arya Dharam*, Ruhani Khazain, Vol. 10, p. 52
6. *Malfuzat*, Vol. 5, pp. 63-64 [1985, England]
7. *Malfuzat*, Vol. 5, pp. 64-65 [1985, England]
8. *Chashma-e-Ma'rifat*, Ruhani Khazain, Vol. 23, p. 246
9. *Tafsir Al-Dur al-Manthur*, taħt il- vers "*Hafizaat lil-ghaibi*", Surah al-Nisa, vers 34, Vol. 2, p. 518, Bab 34
10. *Malfuzat*, Vol. 1, p. 533 [1988, Rabwah]
11. *Malfuzat* [English], Vol. 1, pp. 33-34
12. *Malfuzat* [English], Vol. 2, p. 164
13. *Tafsir Hazrat Masih-e-Maud*[as], Vol. 6, pp. 93-94
14. *Malfuzat* [English], Vol. 2, pp. 164-165


## GLOSSARJU

**Hadith** – Diskors tal-Qaddis Profeta Muħammad(sa).

**Insha-Allah** – Litteralment tfisser, 'Jekk Alla jrid' u hija frażi użata mill-Musulmani bħala talba biex ifittxu l-barkiet ta' Alla ħalli jwettqu d-dmirijiet tagħhom.

**Talaq** – Id-dritt legali mogħti lir-raġel fix-Xarija Iżlamika biex jitlob id-divorzju.

**Khula** – Id-dritt legali mogħti lill-mara fix-Xarija Iżlamika biex titlob id-divorzju.

**Mahram** – Mahram hija terminu użat fil-ġuriprudenza Iżlamika li jirreferi għal dawk l-irġiel u nisa li ma jingħatalhomx il-permess li jiżżewġu.

**Ahmadiyya Muslim Jamaat –** Il-Komunità ta' Musulmani li aċċettaw l-istqarrija ta' Ħażrat Mirża Gulam Aħmad ta' Qadjan bħala l-Messija Mwiegħed u Maħdi[as]. Il-Komunità twaqqfet minn Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as] fl-1889, u issa tinsab taħt it-tmexxija tal-Ħames Kalif tagħha – Ħażrat Mirża Masroor Aħmad (Alla jkun ta' għajnuna għalih). Il-Komunità hi magħrufa wkoll bħala **Jamaat-e-Ahmadiyya**. Membru tal-Komunità hu magħruf bħala **Musulman Aħmadi** jew sempliċement **Aħmadi**.

**Al-Imam al-Mahdi –** It-titlu mogħti lill-Imwiegħed Riformatur mill-Qaddis Profeta Muħammed[sa]; tfisser il-mexxej iggwidat.

**Amin –** Terminu li jintqal wara talba li jfisser 'jalla Alla jagħmel hekk'.

**Ħażrat –** Titlu ta' rispett użat għal persuna ta' tjubija u qdusija liema bħalha; lit. 'Il-Qdusija Tiegħu/Tagħha'.

**Qaddis Profeta[sa] –** Titlu użat esklussivament għall-Fundatur tal-Iżlam, il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi u l-barkiet ta' Alla fuqu.

**Il-Koran Imqaddes –** Il-Ktieb mibgħut minn Alla għall-gwida tal-umanità. Kien rivelat kelma b'kelma lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] fuq medda ta' tlieta u għoxrin sena.

**Khalifah/Kalif –** Suċċessur. Kalifah ta' Alla huwa terminu użat għall-profeta. Kalifah/Kalif ta' Profeta jirreferi għas-Suċċessur li jkompli l-missjoni tiegħu. *Khulafa* (Kalifi) hija l-plural ta' *Khalifah*.

**Khalifatul-Masih –** Terminu użat mill-Komunità Ahmadiyya Musulmana biex tirreferi għas-Suċċessuri tal-Messija Mwiegħed[as].

**Khilafat/Kalifat –** It-tifsira litterali tat-terminu hi suċċessjoni.

**Maħdi –** It-tifsira litterali ta' dil-kelma hi 'l-imdawwal'. Dan hu t-titlu mogħti mill-Qaddis Profeta Muħammed[sa] għar-Riformatur mistenni tal-aħħar żminijiet.

**Il-Messija Mwiegħed –** It-terminu jirreferi għall-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad[as] ta' Qadjan. Huwa insista li ntbagħat minn Alla fuq il-profeziji tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] skont il-miġja ta' *al-Imam al-Mahdi* (il-Mexxej Imdawwal) u Messija.

## NOTA TAL-PUBBLIKATUR

Dawn l-abbrevjazzjonijiet ġew użati. Il-qarrejja huma mħeġġa li jlissnu t-tislimiet sħaħ meta jaqraw il-ktieb:

**sa** *sallallahu 'alaihi wa sallam*, li tfisser 'jalla s-sliem u l-barkiet ta' Alla jkunu fuqu', tinkiteb wara l-isem tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**as** *alaihis-salam*, li tfisser 'jalla l-paċi tkun fuqu', hija miktuba wara l-isem tal-Profeti barra dak tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa].

**ra** *radiyallahu 'anhu/'anha/'anhum*, li tfisser 'jalla Alla jkun kuntent bih/biha/bihom', tinkiteb wara l-ismijiet tad-Dixxipli tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jew tal-Messija Mwiegħed[as].

**aba** *ayyadahullahu Ta'ala binasrihil-'Aziz*, li tfisser 'jalla Alla l-Omnipotenti jagħtih l-għajnuna sħiħa tiegħu', tinkiteb wara l-isem tal-Mexxej attwali tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Masroor Aħmad, Kalifatul Masiħ V[aba].

**"True Freedom for Women – True emancipation through the everlasting teachings of Islam"**: Maltese translation of His Holiness Hazrat Mirza Masroor Ahmad[aba]'s address in ladies' session of Jalsa Salana (Annual Convention) UK 2021. In his address, His Holiness, Khalifatul-Masih V[aba] expounded on how Islam has provided true freedom to women. It is our belief that the points mentioned in this address provide true emancipation and freedom to women. We are so honoured to present a Maltese rendering of this faith-inspiring address, which will, *Insha-Allah*, serve as a reference point for times to come.

**www.ahmadiyya.mt**

